MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 1784/2005

**Talba Nru: 1784/05VGD**

Joseph Sammut (Id 262650M)

Vs

Saviour Portelli.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur, peress illi ospita u zamm id-dar tieghu il-konvenut u dan ‘l fuq minn sentenjn; u peress illi l-konvenut kien regolarment jiekol u anki jorqod fid-dar tal-attur; u peress illi l-attur bata danni u l-konvenut gie arrikiet ingustament (unjustified enrichment) ghas-servizzi li l-attur rrenda fil-konfront tieghu; u peress illi l-attur qieghed jikkalkula l-ammont ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) in sostenn tat-talba

tieghu, talab lill dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta’ elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) jew somma ohra li dan it-Tribunal joghgbu jiffissa. Bl-ispejjes kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn gie eccepit illi (i) preliminarjament il-gudizzju mhux integru stante li mart l-attur, Maria Stella Sammut mhix attrici f’din il-kawza; u (ii) illi fil-mertu, mhux minnu li l-konvenut irreka xi dannu lill-attur u li l-konvenut arrikkixxa ruhu ingustament minn servizzi rezi mill-attur fil-konfront tieghu; u (iii) illi l-attur m’hu dovut xejn minghand il-konvenut; u (iv) illi t-talbiet ta’ l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt; (v) Salv eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjes kontra l-attur li huwa minn issa stess ingunt in subizzjoni.

Ra l-kontro talba tal-konvenut li biha talab illi l-attur rikonvenzjonat ghandu jigi kkundannat ihallas lill-konvenut rikonvenzjonant, is-somma ta’ Lm170 rapprezentanti Lm100 imhallsa mill-konvenut rikonvenzjonant in konnessjoni ma’ l-insurance tal-fond fi Triq Filippu Farrugia, Zurrieq proprjeta’ tal-attur, Lm35 u Lm35 imhallsa mill-konvenut rikonvenzjonant in konnessjoni ma kontijiet tad-dawl u ilma ta’ l-imsemmi fond; kif ukoll somma li ghandha tigi likwidata minn dan it-Tribunal, rapprezentanti servizzi rezi mill-konvenut rikonvenzjonant lill-attur rikonvenzjonat, konsistenti fil-bini ta’ hajt tas-sejjieh fl-ghalqa tieghu fiz-Zurrieq, irfiegh ta’ madum u skirting fil-fond fiz-Zurrieq fuq imsemmi, f’leave days li ha sabiex joqoghod mal-haddiema fl-imsemmi fond, kif ukoll xoghol ta’ xkatlar, garr ta’ hamrija u ta’ numru ta’ magni kbar tal-loghob fil-fond Country Rose, Hal Far Road, Zurrieq. Ghall-fini ta’ kompetenza, qieghed jigi dikjarat li s-somma komplessivament dovut mill-attur rikonvenzjonat lill-konvenut rikonvenzjonant ma texxedix Lm1500.

Ra r-risposta tal-attur ghall-kontro talba tal-konvenut fejn gie eccepit illi l-allegazzjonijiet huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt stante li l-attur ma ghandu jaghti xejn lill-konvenut peress li ma rrenda ebda servizzi. Illi t-talba rikonvenzjonata hija preskritta ai termini tal-ligi

skond l-artikolu 2148(a).  Bl-ispejjes kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra l-verbal tat-2 ta' Marzu 2006, fejn il-konvenut iddikjara li mhuwiex qed jinsisti fuq l-ewwel eccezzjoni tieghu dwar l-integrita' tal-gudizzju.

Sema x-xhieda tal-attur Joseph Sammut.

Sema x-xhieda ta' Maria Stella Sammut prodotta mill-attur.

Sema x-xhieda ta' Stephanie Sammut prodotta mill-attur.

Sema x-xhieda tal-konvenut Saviour Portelli.

Sema x-xhieda ta' Anna Portelli prodotta mill-konvenut.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti.

**Ikkunsidra**

Illi fl-ewwel lok, peress illi l-konvenut iddikjara li mhuwiex qed jinsisti fuq l-ewwel eccezzjoni tieghu, it-Tribunal jikkunsidra li din l-eccezzjoni giet irtirata minnu, u ghalhekk mhuwiex ser jiddeciedi dwar l-istess.

Illi mill-provi migbura jirrizulta li l-konvenut u t-tifla tal-attur ghamlu xi zmien gharajjes, u fil-fatt kellhom tarbija flimkien.  Gara pero li wara cirka tlett snin kienu hassru u ma baqghux gharajjes.

Skond l-attur u martu, f'dan il-perjodu li l-partijiet damu gharajjes, il-konvenut kien iqatta hafna hin id-dar taghhom, u kien jiekol hemm ta' spiss.  Peress illi kien jahdem bix-shift, specjalment meta kien ikun qed jahdem bil-lejl huwa kien imur dritt id-dar taghhom wara x-xoghol, u kien jiehu l-'breakfast ghandhom'.  Kien anki gieli jiekol ghandhom fil-hin ta' l-ikel.  Il-konvenut gieli kien jorqod ghand l-attur, izda wara ftit l-attur stess kien waqqfu milli jkompli jaghmel hekk ghaliex ma kienx ha pjacir li l-konvenut kien jorqod gol-kamra tas-sodda tat-tifla tieghu.

Effettivament il-konvenut ma tantx ghamel perjodu twil jorqod ghand l-attur ghaliex dan kien waqqfu milli jaghmel hekk.

Peress illi t-tifla tal-attur, Stephanie Sammut u l-konvenut kien ser ikollhom tarbija flimkien, l-attur kien offra li jmorru joqoghdu fil-maisonette li kienet proprjeta' tieghu, sabiex almenu jkollhom post fejn jghixu. Ghalhekk ic-cwievet ta' dan il-post kienu f'idejn il-konvenut tul il-perjodu in kwistjoni meta kienu gharajjes. Peress illi l-post kellu bzonn li jsiru xi xogholijiet go fih, il-konvenut kellu c-cwievet sabiex ikun jista' jiftah ghall-haddiema u jiehu hsieb il-post hu stess.

Ill permezz ta' din il-kawza l-attur qed jitlob il-hlas tal-ammont ta' Lm1500 minghand il-konvenut fl-ewwel lok ghas-servizzi li huwa rrendielu, u cioe ghall-fatt li l-konvenut kien jorqod u jiekol, a spejjes tal-attur, fid-dar tieghu, u fit-tieni lok in linea ta' danni li huwa sofra u peress illi skond hu, l-konvenut gie arrikiet ingustament.

Illi mill-ezami tal-provi li gew prodotti mill-attur, it-Tribunal assolutament ma jistax jasal ghall-konkluzzjoni illi l-attur sofra xi danni kagunati mill-konvenut, u lanqas ma jista' jifhem kif l-attur qed isostni li l-konvenut gie arrekiet ingustament. Fil-fatt ghajr ghall-fatt li l-konvenut ghamel perjodu qasir jorqod god-dar tal-konvenut, u l-fatt li kien ta' spiss jiekol ghand il-familja Sammut, ma tezistix l-icken prova dwar dak li qed jallega l-attur.

Illi t-Tribunal jidhirlu li s-sitwazzjoni li kienet tezisti meta l-konvenut u Stephanie Sammut kienu gharajjes, kienet wahda normali ghall-ahhar, fis-sens illi hafna drabi l-gharus ta' tfajla jispicca biex iqatta hafna hin god-dar tal-genituri taghha, u mhix xi haga ta' barra minn hawn li jiekol ta' spiss ghand il-genituri tal-gharusa. Wara kollox, it-tifla tal-attur kwazi mill-bidu nett tar-relazzjoni harget tqila u mbaghad kellha tarbija u ghalhekk huwa normali li t-tnejn kienu jqattghu hafna zmien id-dar. Alavolja l-konvenut donnu kien iqatta hafna zmien id-dar tal-attur, huwa kien jghix ghand ommu, u ma jistax jinghad li kien qed jghix ghand l-attur. It-Tribunal jidhirlu li jekk kull minn

kien gharus ghal perjodu jibda jintalab kumpens ghal kull darba li kiel ghand il-genituri tal-gharus jew gharusa, s-sitwazzjoni tkun wahda insostenibbli u sahansitra ridikola.

Illi waqt li l-affarijiet kienu mexjin tajjeb bejn il-konvenut u t-tifla tal-attur, jidher car illi l-attur qatt ma ta l-impressjoni li huwa kien qieghed jippretendi li jigi rimborsat ghal dak li kien qieghed joffri minn rajh lill-konvenut. Issa li l-affarijiet ma baqghux l-istess u l-konvenut u Stephanie Sammut ma baqghux flimkien ma jistax jippretendi li jithallas ta' dak li huwa kien offra volontarjament minghajr ebda hjiel ta' rikompens.

Illi madankollu, anki li kieku dan it-Tribunal jidhirlu li l-attur ghandu jithallas xi ammont minghand il-konvenut, l-attur, fl-ebda stadju tal-kawza ma pproduca xi prova kwalsiasi jew xi rendikont dwar kif wasal biex jitlob l-ammont ta' elf u hames mitt lira Maltin, u dan it-Tribunal ma jistax jistrieh fuq l-ebda prova dwar x'nefaq ezattament l-attur fil-konfront tal-konvenut. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-ammont ta' Lm1,500 kif mitlub mill-attur mhux biss ma giex spjegat jew sostanzjat fl-ebda stadju tal-kawza, izda t-Tribunal jidhirlu wkoll li huwa ammont ferm eccessiv.

Fl-ahharnett, waqt li kien qed jixhed, l-attur esebixxa zewg rcevuti ta' hlasijiet li huwa ghamel. It-Tribunal jinnota li apparti li ma hemm l-ebda talba formali la fl-Avviz u lanqas fix-xhieda tal-attur illi dawn l-ammonti ghandhom jithallsu mill-konvenut, hemm ukoll il-kwistjoni li dawn kienu spejjes li thallsu ghax-xoghlijiet li kienu qedin isiru fil-maisonette, li wara kollox dejjem kienet u baqghet proprjeta' tal-attur, u ghalhekk it-Tribunal ma jidhirlux li dawn l-ispejjes ghandhom b'xi mod jithallsu mill-konvenut.

Illi fir-rigward tal-kontro talba tal-konvenut, it-Tribunal josserva li qed jintalab il-hlas minghand l-attur ta' zewg ammonti li gew likwidati, u cioe, l-ammont ta' Lm100 li hallas il-konvenut ghall-insurance tal-maisonette, u l-ammont ta' Lm70 li wkoll hallas il-konvenut ghall-istallazzjoni tad-dawl u ilma. Mbaghad qed jintalab ukoll ammont mhux likwidat, li pero ma jeccedix (flimkien mal-Lm170) l-ammont ta' Lm1500, u dan fir-rigward ta'

xogholijiet u servizzi li skond il-konvenut gew rezi minnu lill-attur.

Illi fir-rigward taz-zewg ammonti likwidati, li flimkien jammontaw ghal-Lm170 u li taghhom il-konvenut qed jitlob il-hlas minghand l-attur, it-Tribunal josserva li hemm nuqqas ta' qbil dwar minn effettivament hallas dawn l-ammonti.  Jekk pero, ghall-grazzja tal-argument, it-Tribunal jaccetta li dan l-ammont thallas kollu kemm hu mill-konvenut, jinghad illi dan thallas ghal insurance tad-dar u istallazzjoni ta' dawl u ilma fl-istess dar li fih dak iz-zmien meta thallsu l-kontijiet, kien hemm l-intenzjoni cara li l-konvenut u l-gharusa tieghu kienu ser imorru jghixu gol-post – tant hu hekk illi kienu qedin jirrangaw il-post. Ghalhekk hija inaccettabbli li l-konvenut issa jippretendi li l-attur jirrifondilu dawn il-flus li wara kollox nefaq ghall-beneficcju tieghu u tal-gharusa tieghu.  Skond ix-xhieda, l-insurance saret sabiex tigi koperta l-ghamara tal-konvenut li huwa stess kien dahhal god-dar, u s-servizzi tad-dawl u l-ilma gew installati sabiex ikun jista' jibda jsir ix-xoghol fid-dar.  Il-fatt li d-dar kienet proprjeta' tal-attur u baqghet ghandu, bl-ebda mod ma jfisser li l-attur ghandu jirrifondi l-konvenut ghal dawn l-ispejjes li dak iz-zmien kollha saru volontarjament mill-konvenut u ghal beneficcju tieghu.

Fir-rigward tal-ammont mhux likwidat, li qed jintalab ghas-servizzi u xogholijiet li l-konvenut qed jippretendi li ghandu jithallas minghand l-attur, it-Tribunal hawnhekk jinnota wkoll ma ngabet l-ebda prova kwalsiasi da parti tal-konvenut, (per ezempju rati applikabbli ghal-dawn it-tip ta' xoghlijiet jew servizzi), li a bazi taghha t-Tribuanl jista' jasal sabiex jillikkwida ammont.

It-Tribunal jidhirlu li hafna mis-servizzi elenkati mill-konvenut jikkonsistu pjuttost fi favuri zghar u ta' darba, u ma jikkonsistux f'bicciet ta' xoghol 'on going' u 'time-consuming'.  Il-fatt li l-konvenut refa l-madum god-dar fejn kien ser joqoghod hu stess hija haga li t-Tribunal lanqas jikkonsidra bhala servizz, u jiskanta kif il-konvenut jippretendi li l-attur ihallsu ta' dan.

Minbarra dan, apparti li hemm xhieda konfliggenti ghall-ahhar dwar jekk dawn is-servizzi u xogholijiet effettivament sarux jew le mill-konvenut, jekk ghall-grazzja tal-argument it-Tribunal kellu jasal biex jemmen li l-konvenut ezegwixxa dawn is-servizzi u xogholijiet ghall-attur, skond it-Tribunal dan huwa l-minimu li seta jaghmel il-konvenut ghall-attur li wara kollox kien ser jaghtih l-uzu ta’ dar li fih seta jghix minghajr ma jhallas kera, u kien qed idahhlu d-dar ta’ spiss u jaghtih x’jiekol u anki fejn jorqod. Ghalhekk t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut bl-ebda mod m’ghandu ragun jitlob il-hlas ta’ tali servizzi jew xogholijiet minghand l-attur, u mhuwiex ser jittenta jillikwida xi ammont favur tieghu.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad it-talba attrici kif kontenuta fl-Avviz, u jilqa it-tieni, it-tielet u r-raba eccezzjoni tal-konvenut, kif ukoll jichad it-talba tal-konvenut kif kontenuta fil-kontro talba tieghu, u jilqa l-ewwel eccezzjoni tal-attur rikonvenzjonat.  Fic-cirkostanzi l-ispejjes tal-kawza jibghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------